# FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Udjenza ta' nhar it-Tlieta, 5 ta' Marzu, 2019**

Avviz tat-Talba numru: **361/2018**

**GO P.L.C**
[REG. NRU. C-22334]

***VERSUS***

**NATALIA CASHA**
[K.I. NRU. 568688M]

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar it-3 ta' Awwissu, 2018 fejn is-socjetà attrici talbet li l-konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta' disa' mija, erbgha u disghin ewro u zewg ewro centezmi (€994.02c) rapprezentanti servizzi in konnessjoni ma' servizz ta' telefonija migbur fl-kont bin-numru 55069645 kif ahjar deskritt fl-imsemmi Avviz tat-Talba. Talbet ukoll l-ispejjez ta' dawn il-proceduri gudizzjarji, l-ispejjez ta' ittra ufficjali bir-referenza numru 2807/2017 u l-imghaxijiet legali dekorribbli mit-8 ta' Novembru, 2017 (data tan-notifika tal-imsemmija ittra ufficjali).

Ra li ghad li debitament notifikata bl-atti ta' dawn il-proceduri, il-konvenuta naqset milli tipprezenta risposta fit-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan u lanqas ma dehret personalment (jew tramite rapprezentant taghha) ghas-smigh ta' dan il-procediment;

Ra l-atti processwali u d-dokumenti kollha mressqa;

Ikkunsidra;

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "*Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – Ghandu jiżgura li kaz ghandu,*

*daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda*."

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis*."

Minn qari ta' din ic-citata disposizzjoni, jidher li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal gurnata ohra sabiex jisma lill-parti mharrka f'kaz li din ma tidhirx quddiemu.

Fil-kaz prezenti, l-konvenuta giet debitament notifikat bl-atti processwali hekk kif registrat fil-verbal ta' l-udjenza tad-29 ta' Jannar, 2019 (*a fol*. 22) u la ressqet risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti mizmuma quddiem it-Tribunal u lanqas ma deher xi rapprezentant taghha biex issehh kontestazzjoni tal-pretiza attrici. Ghalhekk, il-konvenuta waqghet fi stat ta' kontumacja skond dak previst fid-disposizzjonijiet relattivi tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif puntwalizzat fil-verbal ta' l-imsemmija udjenza.

Fl-udjenza tad-29 ta' Jannar, 2019 gie registrat bil-gurament tar-rapprezentant ta' l-attrici hekk: "*Dehret Maryanne Camilleri in rapprezentanza tas-Socjeta' Attrici illi bil-gurament taghha iddikjarat illi l-Konvenuta hi debitrici fil-konfront tal-Attrici fl-ammont ta' EUR994.02 u li fil-mori ta' dawn il-proceduri ma sar l-ebda hlas akkont da parti tal-Konvenuta u ghaldaqstant l-ammont intier ghadu dovut.*" Dakinhar il-procediment thalla ghas-sentenza ghall-udjenza tal-25 ta' Frar, 2019 u imbaghad ghall-udjenza tal-lum.

It-Tribunal ha konjizzjoni tad-dokumentazzjoni pertinent in atti li jixhdu dwar l-ammont reklamat f'dawn il-proceduri u mill-assjem taghhom jirrizulta li t-talba tas-socjetà attrici hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mis-socjetà attrici ma ghandux mis-sewwa.

Illi ghalhekk, in vista tal-provi pprezentati quddiemu, u fid-dawl ta' dak fuq kunsidrat – u bl-adoperu tad-diskrezzjoni ekwitattiva vestita f'dan it-Tribunal *ex lege* skond l-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta – it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjetà attrici huwa interament dovut mill-konvenuta.

**Ghaldaqstant**, it-Tribunal, jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjetà attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-istess socjetà attrici

s-somma ta' disa' mija, erbgha u disghin ewro u zewg ewro centezmi (€994.02c), bl-imghaxijiet fuq tali ammont bir-rata ta' 8% mit-8 ta' Novembru, 2017 (data tan-notifika ta' l-ittra ufficjali)[1] sad-data tal-hlas effettiv u finali.

L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri, kif mitlub fl-Avviz tat-Talba, huma kollha a kariku tal-konvenuta.

***ft.* AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**
*Gudikatur*

***ft.* ADRIAN PACE**
*Deputat Registratur*

[1] Dwar id-dekorrenza ta' imghax precedenti talba gudizzjarja (i.e., kawza), it-Tribunal jissenjala dan it-tghalim tal-qrati taghna: *in re* **O'Connor v. Bruno Olivier** (riportata f'*Kollez*. Vol. XVI-I-p84); *in re* **Ruth Spiteri v. Emanuel Vella noe** (Appell Inferjuri, 5 ta' Marzu, 2003); *in re* **Fogg Insurance Agencies Limited noe v. Paul Tabone** (Appell Inferjuri, 17 ta' Frar, 2003); *in re* **Spiridione L. Mizzi pro et noe v. Emmanuele Falzon** (Qorti tal-Kummerc, 16 ta' Frar 1954; riportata f'*Kollez*. Vol. XXXVIII-III-642); *in re* **Carmelo Galea v. Kenneth Mizzi et noe** (Appell Superjuri, 5 ta' Ottubru, 2001); *in re* **Albert Mallia v. Albert Camilleri et** (Appell Superjuri, 1 ta' Dicembru, 2014); *in re* **Konnekt Talent Search & Selections Co Ltd v. Avantgarde Holdings Ltd** (Appell Inferjuri, 24 ta' Gunju, 2015); u *in re* **TGS Company Limited v. Polidano Brothers Limited** (Appell Superjuri, 18 ta' Lulju, 2017).